Minuti tal-laqgħa numru wieħed u sebgħin (71) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 29 ta' Novembru 2023 biex titkompla l-agenda numru 70. Il-laqgħa nżammet fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat fis-18:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |

71.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Apoloġiji

Inqraw l-ittri tal-apoloġija tas-sinjuri li kienu skużati kif jidher hawn fuq. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien.

69.16 **Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart 2023** Rapport Finanzjarju

Is-suġġett ma kienx trattat

71.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sebgħin (70)** Minuti

Il-minuti tas-seduta numru sebgħin ittieħdu b'moqrija peress li kienu mgħoddija mal-agenda ħamest ijiem qabel is-seduta, u kienu mpoġġija għall-vot mis-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Matthew Chetcuti u dawn kienu approvati unanimament u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

71.02.01 Kien hemm diskussjoni dwar il-kontijiet tal-kenniesa u jekk dawn għandhomx ikunu impjegati tal-kunsill, vis a vis il-kuntratt li għandna mal-Handyman. Ir-raġunar wara dan kollu kien illi is-Sur Pawlu Tanti m'għandux jagħmel ukoll l-irwol ta' contracts manager biex jimmaniġġja il-kuntratt ta' kuntrattur tal-Kunsill tar-Rabat – A83 magħruf aħjar bħala Waste Collection Ltd. Dwar dan ma ttieħdet l-ebda' deċiżjoni. Waste Collection Ltd u l-Handyman tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| 71.02.02 | Is-SE tkellem dwar kontijiet għolja li qed nirċievu dwar il-ġbir tal-iskart mir-Reġjun Punent. Hu qal illi f'dawn il-kontijiet hemm oħrajn li jikkonsistu f'tipping fees li s-sena d-dieħla se jkunu irduppjati mill-Wasteserv Malta Ltd. | Kontijiet għolja tal-ġbir tal-iskart bieb bieb |
| 71.02.03 | Dwar it-tipping fees kien hemm talba oħra minn Wastecollection Ltd biex nibdew inħallsu Eur400 fix-xahar għall-iskart li qed jiġbor il-handyman. Hawn il-Kunsill ma qabilx għaliex dawn suppost jiġbru biss tal-litter bins u tal-dog bins li għandna fir-Rabat. | Tipping Fees |
| 71.02.04 | Is-Sur Matthew Chetcuti talab lill-KLR sabiex nixtru il-ktieb bl-isem Malta Photography tas-Sur Joe Abdilla. Dwar dan ma kienx hemm oġġezzjoni. | Pubblikazzjoni: The Malta Photography |
| 71.02.05 | Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti talab illi jsir double yellow line għaliex ma jistgħux jgħaddu l-vetturi fi Triq Muscat Azzopardi bejn Triq Barbara u Triq Santa Rita. | Double yellow line fi Triq Muscat Azzopardi |
| 71.02.06 | Dwar it-tabella tal-isem ta' Triq Pawlu Inguanez, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus saħaq illi fuqha jrid ikun hemm minn meta twieled sakemm miet. | Tabella Triq Pawlu Inguanez |
| 71.02.07 | Reġgħet inġibdet l-attenzjoni illi t-tabella ta' Triq Cosmana Navarra hija nieqsa. Dan se jkun konfermat u nwaħħlu oħra wara li tiġi ordnata. | Tabella ta' Triq Cosmana Navarra |
| 71.02.08 | Dwar il-manutenzjoni li qed issir fiċ-Cadwick Lakes se naraw x'qed isir mil-Gvern Ċentrali għaliex jidher li din it-triq li kienet ċediet fl-ilma tal-wied għadha ma tinfidx bejn ir-Rabat u l-Mosta. | Restawr taċ-Chadwick Lakes |
| 71.02.09 | Is-Sur Nazju Cassar qal illi t-tabella taċ-ċeramika ta' Triq Pietru Gristi kienet inkisret jew insterqet u rridu nordnaw oħra biex ma nħallux ir-residenti bil-problemi li ma jsibuhomx. | Tabella tat-tismija: Triq Pietru Gristi |
| 70.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 353 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 72**<br>Kienu approvati ċ-ċedola tal-pagamenti 353 kif ukoll dik tax-xiri ta' servizzi u provisti numru 72. Intqal illi item 17404 ta' skeda 353 kien tat-tindif ta' Ġnien Fieres | Ċedola tal-pagamenti |
| 71.03 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | |
| 70.05 | **Ikla tal-Milied**<br>Kien deċiż b'vot unanimu illi l-ikla tal-Milied issir għand Il-Bitħa ta' Doni nhar id-19 ta' Diċembru 2023. | Ikla tal-Milied |
| 70.06 | **Proposti għall-Budget 2024**<br>Ma kienx hemm. Madankollu Il-Kunsill Lokali tar-Rabat għandu l-intenzjoni illi jidħol għall-proġett tal-Pjazza tas-Saqqajja peress li diġà ħareġ l-offerta pubblika biex isiru id-dwal tat-toroq li jridu jitwaħħlu wara li jitlesta l-proġett tal-pavimentar. Hu ttamat li jintemmu b'mod sodisfaċenti il-proġett tar-refurbishment tal-Kunsill fi 8, Triq l-Isptar u dak tar-restawr tal-istatwi li ħarġet l-offerta pubblika għalihom, il-proġett tal-bandli tal-Baħrija u wkoll ta' quddiem il-Knisja tal-Baħrija. | Proġetti 2024 |

70.07 **Laqgħa pubblika annwali tal-lokalità**
Kien deċiż b'vot unanimu illi l-laqgħa pubblika annwali tal-lokalità ssir on-line fil-Bini Amministrattiv nhar is-17 ta' Jannar 2024.

Laqgħa pubblika annwali tal-lokalità

71.04 **Talba biex jiġġeddu 61.5hrs leave tas-Sa Caroline Farrugia**
It-talba kienet milqugħa b'vot unanimu it-talba tas-Sa Caroline Farrugia.

Vacation Leave

70.10 **Talba għal refużjoni mill-ARPA dwar ix-xogħlijiet ta' tarmac f'Ta' Koronja u l-Imtaħleb**
Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qed jiġi mitlub jirritorna financial correction ta' nofs miljun Ewro minħabba problemi dwar il-kuntratt li kien iffirmat ma' Bonnici Bros dwar miżura 4.3 li huma imsemmijin f'punt 70.13 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi qed jitkellem mal-awtoritajiet ċentrali biex dawn isostnu lill-Kunsill Lokali tar-Rabat mill-att finanzjarju għaliex dawn il-problemi qalgħuhom huma u jridu jsolvuhom huma.

Financial Correction mill-ARPA

70.11 **Talba għal unpaid leave tal-iskrivana Yvonne Spiteri**
Kienet milqugħa b'vot unanimu it-talba tas-Sa Yvonne Spiteri għall-unpaid leave.

Unpaid leave

70.12 **Isem għat-toroq – Isqof Silvestru Magro, Dun Ġwann Azzopardi, Triq tas-Salib u Sqaqien 1 u 2**
Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jibgħat il-proposta tiegħu biex bejn Triq Santu Wistin u Triq San Pawl tissemma' għal Triq l-Isqof Silvestru Magro.

Kien deċiż ukoll illi t-triq minn Ħad-Dingli bejn Triq Papa Piju V sa Triq Hal Bajjada tissemma' għal Triq Dun Gwann Azzopardi.

Triq l-Isqof Silvestru Magro u

Triq Dun Ġwann Azzopardi

70.13 **Kawża minn Bonnici Bros – Kont ta' Xogħlijiet ta' qatran**
Propju għada għandna l-ewwel smigħ tal-kawża ta' Bonnici Bros kontra l-Kunsill Lokali tar-Rabat minħabba ħlasijiet pendenti għax-xogħlijiet ta' qatran fl-Imtaħleb u ta' Koronja. Is-SE qal illi l-avukat se jara li jkun hemm 'eċċezzjoni' biex nirbħu ż-żmien ġaladarba l-Arpa qed isibu diversi diffikultajiet biex iħallsu mill-EARDF miżura 4.3

Bonnici Bros vs Kunsill Lokali tar-Rabat

71.05 **Punti Oħra**

71.05.01 Issemmiet il-problema li hemm fid-Dar tal-Anzjani ta' Sawra bil-qtates stray. Intqal li dawn ħolquha huma stess għaliex kienu qed ituhom jieklu. Issa dawn hu impossibbli li jisparixxu.

Qtates Stray

71.05.02 Issemmiet is-Sa Katie Vella li toqgħod fi Triq l-Affreski. Intqal li din kellha żewġ bollards tal-plastik u xi ħadd qalagħomlha jista jkun aċċidentalment jew apposta. Se naraw jekk konniex għamilnihom aħna jew xi ħaddieħor.

Bollards li nqalgħu fi Triq l-Affreski

71.05.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' t-tabella taċ-ċeramika fi Triq Beninju Zerafa li tkissret waqt xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Din tkissret għaliex ma konniex bagħtna lil ħadd biex jaqlagħha. Se jittieħdu passi biex qabel ma jkun approvat xi permess ta' makkinarju, il-kuntrattur iħallas għaliha.

Tabella taċ-ċeramika fi Triq Beninju Zerafa.

71.05.04 Is-Sur Nazju Cassar talab lill-Kunsill Lokali tar-Rabat jintervjeni biex palma marida ma joqtoliex kompletament il-bumunqar li diġa' attakkaha fi Pjazza

Palma attakkata

| | | |
|---|---|---|
| | San Duminku. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex joħroġ il-fondi biex tingħata bexx speċjali forsi insalvawha. | mil-bumunqar |
| 71.05.05 | Is-Sur Nazju Cassar talab biex issir tindifa quddiem id-daħla tal-fabbrika ta' Peter the Potter. Hawn intqal illi dan il-parkeġġ mhux pubbliku. | Tindifa quddiem il-fabbrika ta' Peter the Potter |
| 71.05.06 | Is-Sur Nazju Cassar talab biex nasfaltaw Triq is-Sienja. Hawn is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li hemm problema mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI). Għaldaqstant, se nibgħatu ittra lill-KSI dwar din it-triq u wkoll dwar Triq Ħad-Dingli l-Qadima li wkoll ilu li waqaf ix-xogħol fuqha għal diversi xhur. | Triq is-Sienja u Triq Ħad Dingli l-Qadima. |
| 71.05.07 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-kuntratt li qed jipproponu Infrastruttura Malta biex ikunu jistgħu jasfaltaw it-triq ta' fejn hemm il-mekkanik tat-Toyota u oħrajn fiz-zona rurali. Il-Kunsill se jiffirma l-kuntratt propost minbarra dawk li ndikawlna u li jinsabu f'siti oħra li ma jaqgħux taħt il-konfini tagħna. | Asfaltar ta' toroq fil-kampanja |
| 71.05.08 | Kien hemm talba biex isir ir-refreshing tar-road markings li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Sqaq Numru 1 Triq San Franġisk, ir-Rabat. Dawn ir-residenti kull darba qed ikunu imblokkati. | Refreshing ta' marki tat-traffiku |
| 71.05.09 | Dwar l-iskedar se nagħmlu follow up mal-Perit Elena Borg Costanzi biex issa ġaladarba tajniha d-dettalji li riedet, immexxu għall-proċess imsemmi. | Skedar |
| 71.05.10 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona li ssir wirja fir-sala t'isfel bħala parti mill-attivitajiet tal-inawgurazzjoni tal-Binja tal-Kunsill għal ħabta ta' Marzu/April 2024. Punt ieħor li ġie ttrattat kien li irridu aktar min imidd idejh għal dawn l-attivitajiet li qed jorganizza l-Kunsill. Intqal ukoll li hemm iċ-ċans li ssir esebizzjoni tal-iskultur Frans Galea. | Wirja – Inawgurazzjoni tal-Kunsill |
| 71.06 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Din il-laqgħa ntemmet fit-20:30pm u l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill se ssir nhar it-3 ta' Jannar 2024. | Aggornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 3.1.24 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku